Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Diċembru 2019**
**(OR. en)**

**15051/19**
**ADD 1**

**CLIMA 327**
**ENV 1005**
**ENER 538**
**TRANS 580**
**SUSTDEV 175**
**AGRI 608**
**ECOFIN 1141**
**COMPET 796**
**IND 306**
**MI 844**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 11 ta' Diċembru 2019 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2019) 640 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Il-Patt Ekoloġiku Ewropew |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 640 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 640 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.12.2019
COM(2019) 640 final

ANNEX

**ANNESS**

***tal-***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Patt Ekoloġiku Ewropew**

**Anness tal-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew**

**Pjan Direzzjonali - Azzjonijiet kruċjali**

| **Azzjonijiet** | **Kalendarju Indikattiv**[1] |
|---|---|
| **Ambizzjoni fejn tidħol il-klima** | |
| Proposta dwar "Liġi dwar il-Klima" Ewropea li tinkorpora l-objettiv ta' newtralità klimatika sal-2050 | Marzu 2020 |
| Pjan komprensiv biex il-mira klimatika UE 2030 togħla għal mill-anqas 50% u lejn 55% b'mod responsabbli | Is-Sajf 2020 |
| Proposti għal reviżjonijiet ta' miżuri leġiżlattivi relevanti biex titwettaq l-ambizzjoni aktar qawwija fejn tidħol il-klima, wara rieżami tad-Direttiva dwar is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi; tar-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija; tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija; tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli; Standards fejn tidħol il-prestazzjoni fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-karozzi u l-vannijiet | Ġunju 2021 |
| Proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija | Ġunju 2021 |
| Proposta għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera f'setturi magħżula | 2021 |
| Strateġija Ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima | 2020/2021 |
| **Enerġija nadifa, affordabbli u sigura** | |
| Evalwazzjoni tal-Pjani Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima finali | Ġunju 2020 |
| Strateġija għal integrazzjoni intelliġenti tas-setturi | 2020 |
| Inizjattiva dwar "Xejra ta' rinnovament" għas-settur tal-kostruzzjoni | 2020 |
| Evalwazzjoni u reviżjoni tar-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew – Enerġija | 2020 |
| Strateġija dwar ir-riħ offshore | 2020 |
| **Strateġija industrijali għal ekonomija nadifa u ċirkolari** | |
| Strateġija Industrijali tal-UE | Marzu 2020 |
| Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, inkluż inizjattiva dwar prodotti sostenibbli u attenzjoni partikolari fuq setturi b'użu intensiv tar-riżorsi bħal ma huma t-tessuti, il-kostruzzjoni, l-elettronika u l- | Marzu 2020 |

[1] Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 se jkompli jipprovdi kjarezza dwar iż-żmien ta' azzjonijiet relevanti mħabbra għall-2020

| **Azzjonijiet** | **Kalendarju Indikattiv**[1] |
|---|---|
| plastika | |
| Inizjattiva għall-istimolu ta' swieq ewlenin ta' prodotti b'effett newtrali fuq il-klima, u ċirkolari, f'setturi industrijali b'użu intensiv tal-enerġija | Mill-2020 |
| Proposta ta' appoġġ għal proċessi ta' manifattura tal-azzar mingħajr emissjonijiet tal-karbonju, sal-2030 | 2020 |
| Leġiżlazzjoni dwar il-batteriji f'appoġġ għall-Pjan ta' Azzjoni Strateġika dwar il-Batteriji u l-ekonomija ċirkolari | Ottubru 2020 |
| Jitressqu proposti dwar riformi fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart | Mill-2020 |
| **Il-mobbiltà sostenibbli u intelliġenti** | |
| Strateġija għal mobbiltà sostenibbli u intelliġenti | 2020 |
| Sejħa għal finanzjament għall-iskjerament ta' punti pubbliċi ta' karigar u għoti ta' fjuwil bħala parti minn infrastruttura alternattiva fejn jidħol il-fjuwil | Mill-2020 |
| Evalwazzjoni ta' għażliet leġiżlattivi biex tingħata spinta lill-produzzjoni u l-provvista ta' karburanti alternattivi sostenibbli għall-modi differenti ta' trasport | Mill-2020 |
| Proposta riveduta għal Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat | 2021 |
| Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi u r-Regolament dwar in-Netwerk Trans-Ewropew – it-Trasport | 2021 |
| Inizjattivi biex tiżdied, u biex tiġi mmaniġġjata aħjar il-kapaċità tal-ferroviji u tal-mogħdijiet interni fuq l-ilma | Mill-2021 |
| Proposta għal standards aktar restrittivi fejn jidħlu emissjonijiet li jniġġżu l-arja fil-każ ta' vetturi b'magna bil-kombustjoni | 2021 |
| **Politika Agrikola Komuni aktar ekoloġika / l-Istrateġija "mill-Farm sal-Furketta"** | |
| Eżami tal-abbozzi tal-pjani strateġiċi nazzjonali, b'referenza għall-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija "mill-Farm sal-Furketta" | 2020-2021 |
| L-Istrateġija "mill-Farm sal-Furketta"<br>Miżuri, inklużi dawk leġiżlattivi, biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu ta' pestiċidi kimiċi, u r-riskju minnhom, kif ukoll l-użu tal-fertilizzanti u l-antibijotiċi | Ir-rebbiegħa 2020<br>2021 |
| **L-ippreservar u l-protezzjoni tal-bijodiversità** | |

| Azzjonijiet | Kalendarju Indikattiv[1] |
|---|---|
| L-Istrateġija ta' Bijodiversità tal-UE għall-2030 | Marzu 2020 |
| Miżuri biex jiġu indirizzati l-muturi ewlenin tat-telfien tal-bijodiversità | Mill-2021 |
| Strateġija tal-UE ġdida fil-Forestrija | 2020 |
| Miżuri għall-appoġġ ta' katini tal-valur li ma jiddipendux fuq id-deforestazzjoni | Mill-2020 |
| **Lejn ambizzjoni ta' eliminazzjoni tat-tniġġiż biex ikun hawn ambjent mingħajr sustanzi tossiċi** | |
| Strateġija fis-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà | Is-Sajf 2020 |
| Pjan ta' azzjoni għall-eliminazzjoni tat-tniġġiż għall-ilma, l-arja u l-ħamrija | 2021 |
| Reviżjoni tal-miżuri biex jiġi indirizzat it-tniġġiż mill-istallazzjonijiet industrijali kbar | 2021 |
| **L-integrazzjoni tas-sostenibbiltà fil-politiki kollha tal-UE** | |
| Proposta għal Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, inkluż Pjan ta' Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli | Jannar 2020 |
| Tiġdid tal-istrateġija ta' finanzjament sostenibbli | Ħarifa 2020 |
| Reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar mhux Finanzjarju | 2020 |
| Inizjattivi biex jiġu analizzati l-prattiċi ta' bbaġitjar ekoloġiku tal-Istati Membri u tal-UE, u biex jiġu stabbiliti parametri referenzjarji | Mill-2020 |
| Rieżami tal-linji-gwida relevanti dwar l-għajnuna mill-Istat, inklużi l-linji-gwida fejn jidħlu l-ambjent u l-enerġija | 2021 |
| Allinjar tal-inizjattivi l-ġodda tal-Kummissjoni f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-promozzjoni tal-innovazzjoni | Mill-2020 |
| Il-partijiet ikkonċernati jidentifikaw u jirremedjaw leġizlazzjoni inkoerenti li tnaqqas l-effettività fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew | Mill-2020 |
| L-integrazzjoni tal-Miri ta' Żvilupp Sostenibbli fis-Semestru Ewropew | Mill-2020 |
| **L-UE fuq quddiem fid-dinja** | |
| L-UE tkompli tkun fuq quddiem fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima u l-bijodiversità, u tkompli ssaħħaħ il-qafas internazzjonali ta' politika | Mill-2019 |
| Tissaħħaħ id-Diplomazija tal-UE dwar il-Patt Ekoloġiku | Mill-2020 |

| Azzjonijiet | Kalendarju Indikattiv[1] |
|---|---|
| f'kooperazzjoni mal-Istati Membri | |
| Sforzi bilaterali biex is-sħab jitħajru jaġixxu u jaraw li l-azzjonijiet jaqblu mal-politiki | Mill-2020 |
| L-Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent | Mill-2020 |
| **Ħidma flimkien – Patt Klimatiku Ewropew** | |
| It-tnedija tal-Patt Klimatiku Ewropew | Marzu 2020 |
| Proposta għat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali | 2020 |